V.2.0.

# FTEHIM

**BEJN:**

| | |
|---|---|
| Għaqda | European Registry for Internet Domains vzw / asbl |
| Indirizz | Park Station |
| | Woluwelaan 150 |
| | B-1831 Diegem |
| | Belgium |
| VAT | BE 0864 240 405 |
| Irrappreżentata minn | Marc Van Wesemael |

Minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "EURid";

**U:**

sample document

**SFOND:**

- Il-EURid ġie fdat bl-organizzazzjoni, l-amministrazzjoni u l-immaniġġjar tad-".eu" *Top Level Domain* kif hemm indikat fir-Regolament (KE) Nru 733/2002 tal-Parlament u tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' April 2002 dwar l-implimentazzjoni tad-.eu *Top Level Domain* u fir-Regolament (KE) Nru 874/2004 li tistabbilixxi l-prinċipji tal-politika pubblika dwar l-implimentazzjoni u l-funzjonijiet tad-".eu" *Top Level Domain* u l-prinċipji li jirregolaw ir-reġistrazzjoni;

- Ir-Reġistratur jixtieq li jkun Reġistratur tad-.eu akkreditat u li jipparteċipa fil-proċess tar-Reġistrazzjoni ta' Ismijiet ta' Dominju fid-".eu" *Top Level Domain* billi jirreġistra, iġedded, jittrasferixxi jew jimmaniġġja Ismijiet ta' Dominju bl-EURid għan-nom tal-klijenti tiegħu iżda f'ismu stess;

- Il-EURid jixtieq jikkopera mar-Reġistratur fir-reġistrar, fit-tiġdid, fit-trasferiment u fl-immaniġġjar ta' l-Ismijiet ta' Dominju tad-".eu" skond it-termini u l-kundizzjonijiet ta' dan il-ftehim;

**IL-PARTIJIET QABLU KIF ĠEJ:**

**Article 1. DEFINIZZJONIJIET**

F'dan il-Ftehim, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx xort' oħra:

"Akkreditazzjoni" tfisser l-għoti tad-dritt lir-Reġistratur li joffri Servizzi tar-Reġistrazzjoni kif deskritti hawn, wara li jiġi ffirmat dan il-Ftehim u jsir il-pagament mir-Reġistratur tal-miżata deskritta fl-Artikolu 6.1 iżjed 'l isfel.

"Kontrollur tad-*Data*" tfisser il-persuna naturali jew legali, l-awtorità pubblika, l-aġenzija jew kull entità oħra li waħedha jew flimkien ma' oħrajn tiddetermina l-iskopijiet u l-mezzi ta' l-ipproċessar ta' Data Personali;

"Proċessur tad-*Data*" tfisser persuna naturali jew legali, awtorità pubblika, aġenzija jew kull entità oħra li tipproċessa Data Personali għan-nom ta' Kontrollur tad-Data;

"Isem ta' Dominju" tfisser isem ta' dominju allokat taħt id-".eu" *Top Level Domain*;

"Detentur" tfisser id-detentur jew l-applikant ta' l-Isem ta' Dominju li d-*Data* Personali tiegħu jiġu mdaħħla fil-WHOIS *database* jekk jiġi konċess l-Isem ta' Dominju;

"*Data* Personali" tfisser kull informazzjoni li tirrigwarda persuna naturali identifikata jew identifikabbli. Persuna identifikabbli hija persuna li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'numru ta' referenza jew ta' identifikazzjoni jew b'xi fattur wieħed jew aktar speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali tiegħu jew tagħha;

"Reġistrazzjoni" tfisser il-jedd mogħti lill-Klijent Aħħari li juża l-Isem ta' Dominju għal perjodu limitat u rinnovabbli, mingħajr ma jkun hemm trasferiment ta' proprjetà, u soġġett għat-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali stabbiliti minn 1) EURid 2) u minn kull stqarrija, statutorja jew ta' xort'oħra, addottata minn istituzzjoni ta' l-Unjoni Ewropea fir-rigward tagħhom;

"Servizzi ta' Reġistrazzjoni" tfisser is-servizzi ta' Reġistrazzjoni, tiġdid, trasferiment jew immaniġġjar ta' Ismijiet ta' Dominju offruti lil Klijenti Aħħarin;

"Regoli" tfisser ir-regoli u r-regolamenti kollha applikabbli għad-".eu" *Top Level Domain*, inklużi iżda mhux limitati għar-Regolament 733/2002, ir-Regolament 1654/2005, il-Politika tar-Reġistrazzjoni, it-Termini u l-Kundizzjonijiet, il-Politika WHOIS, ir-Regoli Sunrise, ir-Regoli ADR u r-Regoli ADR Supplimentari, kif, fost oħrajn, huma ppubblikati fuq is-sit ta' l-internet tal-EURid (www.eurid.eu) u l-Qorti ta' l-Arbitraġġ Ċek (www.adr.eu);

sample document

**Artikolu 2. AKKREDITAZZJONI TAR-REĠISTRATUR**

**2.1 Kontenut essenzjali tal-ftehim**

Permezz ta' dan il-Ftehim l-EURid takkredita lir-Reġistratur u b'hekk tikkonċedi l-jedd lir-Reġistratur li joffri Servizzi ta' Reġistrazzjoni lil Klijenti Aħħarin skond it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati 'l isfel. Dan il-Ftehim ma jagħti ebda jedd, setgħa jew awtorità lir-Reġistratur sabiex jopera jew jimmaniġġja r-reġistru.

**2.2. Non-esklussività**

Il-jeddijiet konċessi lir-Reġistratur skond dan il-Ftehim huma non-esklussivi, u l-EURid huwa liberu li jappunta Reġistraturi oħrajn fid-diskrezzjoni unika tiegħu.

**2.3 Konformità mar-Regoli**

Ir-Reġistratur għandu josserva dawn ir-Regoli, u m'għandux jikkopera, direttament jew indirettament ma' kull Detentur li jikser ir-Regoli, jew li jinstiga tali ksur. Meta tali mġieba ssir magħrufa mir-reġistratur, dan għandu jinforma lill-EURid mingħajr dewmien.

**2.4 Lingwi**

Fl-applikazzjoni għall-Akkreditazzjoni, ir-reġistraturi applikanti kollha huma meħtieġa li jindikaw il-lingwi kollha li fihom jipprovdu s-Servizzi ta' Reġistrazzjoni. Ir-reġistraturi akkreditati kollha jiġu ppubblikati fil-lista tar-reġistraturi akkreditati tad-".eu" fis-sit ta' l-internet ta' l-EURid u l-lingwi li fihom huma jipprovdu s-Servizzi ta' Reġistrazzjoni jiġu indikati b'mod simili.

Ir-Reġistratur jiggarantixxi illi: Jagħmel it-termini u l-kundizzjonijiet tas-servizz disponibbli, jistipula s-servizzi u l-prezzijiet u jipprovdi appoġġ lill-klijenti fil-lingwa(i) indikati, fejn "appoġġ lill-klijenti" f'xi lingwa għandha tinftiehem bħala appoġġ telefoniku u jew elettroniku.

Ir-Reġistraturi huma meħtieġa li jipprovdu s-Servizzi ta' Reġistrazzjoni kollha fil-lingwi indikati. Ir-Reġistraturi li ma għandhomx sit ta' l-internet operattiv li fuqu jistgħu jippubblikaw l-offerti u d-dettalji tal-kuntatt tagħhom jiġu kkunsidrati daqslikieku ma joffrux appoġġ lill-konsumaturi.

Ir-Reġistraturi huma obbligati li jipprovdu appoġġ lill-konsumaturi f'mill-anqas lingwa uffiċjali waħda ta' l-Unjoni Ewropea.

Kull reġistratur huwa obbligat li jkollu l-indirizzi tal-posta elettronika distinti tiegħu u li jkunu jiffunzjonaw.

Jekk ir-Reġistratur jonqos milli jipprovdi dawn is-servizzi f'xi waħda jew aktar mil-lingwi indikati, l-EURid jista' jneħħi l-indikatur tal-lingwa relattiva mir-Reġistratur. Barra minn dan, nuqqas bħal dan jikkostitwixxi ksur ta' dan il-Ftehim.

**2.5 Kompetenzi tekniċi**

Ir-Reġistratur jiggarantixxi li għandu l-kompetenzi tekniċi meħtieġa biex jesegwixxi b'suċċess id-diversi tipi ta' azzjonijiet (Reġistrazzjoni ġdida, tiġdid ta' dominju, trasferiment ta' dominju, eċċ.) bl-użu tas-sistemi awtomatizzati ta' l-EURid.

Ir-Reġistratur huwa obbligat li jipprovdi lid-Detentur bis-Servizzi ta' Reġistrazzjoni kollha offruti mill-EURid. Per eżempju (iżda mhux ristrett għal):

- il-bdil ta' *servers* ta' DNS
- aġġornament ta' informazzjoni tal-kuntatt.

sample document

- tiġdid ta' l-isem ta' dominju
- it-trasferiment ta' Ismijiet ta ' Dominju

Kull Reġistratur li jagħmel stqarrijiet frawdolenti dwar il-limitazzjonijiet tekniċi tal-EURid jiġi meqjus li jkun fi ksur ta' dan il-ftehim.

### 2.6 L-użu tat-terminu "Reġistratur Akkreditat"

Wara li jitlesta b'suċċess il-proċess ta' Akkreditazzjoni, ir-Reġitratur jista' jirreferi għalih innifsu bħala "Reġistratur Akkreditat". Ir-Reġistratur ma jistax, minkejja dan, jiddikjara jew jimplika li l-istatus ta' "Reġistratur Akkreditat" inkiseb fuq il-bażi tal-kwalità tas-servizzi tiegħu.

### Artikolu 3. REĠISTRAZZJONI TA' ISEM TA' DOMINJU

Skond dan il-ftehim, l-EURid għandu jirreġistra u jikkonċedi l-jedd ta' l-użu ta' kwalunkwe Isem ta' Dominju li r-Reġistratur ikun talab għar-Reġistrazzjoni jew tiġdid tiegħu f'isem id-Detentur, però akkont tiegħu stess. Il-jedd biex juża l-Isem ta' Dominju għandu jingħata biss jekk l-applikazzjoni tkun f'konformità mar-Regoli.

### Artikolu 4. OBBLIGI TAR-REĠISTRATUR

Ir-Reġistratur għandu:

- Jassigura u jiddokumenta li kull Detentur li għalih ir-Reġistratur jirreġistra Isem ta' Dominju aċċetta r-Regoli fis-seħħ fiż-żmien li tkun saret l-applikazzjoni. Ir-Reġistratur għandu ma' l-ewwel talba tal-EURid u mingħajr dewmien mhux ġustifikat jipprovdi lill-EURid id-dokumenti li juru li d-Detenur aċċetta r-Regoli.

- Jassigura u jiddokumenta li kull Detentur li għalih ir-Reġistratur jirreġistra Isem ta' Dominju iħares ir-rekweżiti ta' l-artikolu 3 tar-Regolament 874/2004, inklużi, iżda mingħajr limitazzjoni, il-konferma tad-Detentur li sa fejn jaf hu, it-talba għar-Reġistrazzjoni ta' Isem ta' dominju saret b'bona fede u mhux bi ksur ta' xi jeddijiet ta' terzi kif hemm stipulati fl-artikolu 3 tar-Regolament 874/2004. Ir-Reġistratur għandu ma' l-ewwel talba tal-EURid u mingħajr dewmien mhux ġustifikat jipprovdi lill-EURid id-dokumenti li juru li d-Detentur iħares l-artikolu 3 tar-Regolament 874/2004.

- Jassigura li kull Detentur li għalih ir-Reġistratur jirreġistra Isem ta' Dominju ilaħħaq mar-rekweżiti kollha fir-regoli għall-ksib jew it-tiġdid ta' Reġistrazzjoni ta' Isem ta' Dominju, b'mod partikolari iżda mhux limitat għar-rekweżiti tar-Regolament 733/2002/KE u tar-Regolament 874/2004/KE li jinkludu l-kriterji ta' l-eleġibbiltà ġenerali għad-".eu." Nuqqas milli jlaħaqq dawn ir-rekweżiti jista' jirriżulta f'kanċellament immedjat tal-ftehim tar-reġistrazzjoni.

- Jinforma lil kull Detentur bl-informazzjoni kollha mibgħuta mill-EURid lir-Reġistratur, b'mod partikolari meta dik l-informazzjoni mibgħuta tista' tinfluwenza r-relazzjoni kuntrattwali bejn id-Detentur u l-EURid jew fejn l-informazzjoni mibgħuta tikkonċerna t-terminazzjoni potenzjali tar-reġistrazzjoni ta' l-Isem tad' Dominju.

- Għandu dejjem, waqt il-proċess tar-Reġistrazzjoni, jissottometti (inkluża iżda mhux limitata għal kwalunkwe sottomissjoni fil-WHOIS *database*) id-*data* tal-Klijent Aħħari li għamel it-talba inizjali għar-Reġistrazzjoni ta' Isem(Ismijiet) ta' Dominju kkonċernati biss u mhux dak tar-Reġistratur. L-indirizz tal-posta elettronika sottomess fl-informazzjoni għall-finijiet ta' kuntatt, għandu jkun dak ta' l-Utent Aħħari biss u mhux dak tar-Reġistratur, sakemm l-Utent Aħħari espressament jitlob li l-indirizz tal-posta elettronika tar-Reġistratur jiġi sottomess. Wara l-proċess tar-Reġistrazzjoni, ir-Reġistratur għandu jassigura li f'kull żmien l-informazzjoni fil-WHOIS *database* hija l-informazzjoni mill-Utent Aħħari u mhux l-informazzjoni tiegħu stess.

- Ma għandux jirreġistra Ismijiet ta' Dominju mingħajr istruzzjonijiet speċifiċi biex jagħmel dan minn Utenti Aħħarin. Minkejja dan, ir-Reġistratur jista' jirreġistra numru ta' Ismijiet ta' Dominju limitati għall-użu tiegħu biss u mingħajr ma jkun irċieva struzzjonijiet speċifiċi biex jagħmel dan minn Utenti

sample document

Aħħarin, u f’każ bħal dan ir-Reġistratur għandu jipprovdi lill-EURid, ma’ l-ewwel talba u mingħajr dewmien mhux ġustifikat il-provi li dawn l-Ismijiet ta’ Dominju huma rreġistrati għall-użu tar-Reġistratur stess biss. Għall-finijiet ta’ dan il-praragrafu, l-istruzzjonijiet minn Utenti Aħħarin li jaqsmu aspetti li jixxiebhu b’mod sostanzjali ma' jew marbuta mar-Reġistratur (inklużi iżda mhux limitat għal: li jkollhom l-istess numru tat-telefon jew indirizz tal-posta elettronika, il-persuna fdata għall-finijiet ta’ kuntatt ta’ l-entità elenkata hija l-istess waħda imsemmija mir-Reġistratur bħala l-persuna fdata għall-finijiet ta’ kuntatt tekniku jew tal-ħruġ tal-kontijiet tar-Reġistratur) ma għandhomx jitqiesu bħala struzzjonijiet speċifiċi fis-sens ta’ dan il-paragrafu.

**Artikolu 5. PERJODU INIZJALI**

Malli tibda topera r-Reġistrazzjoni ta’ l-Ismijiet ta’ Dominju “.eu”, għandu jkun hemm “perjodu inizjali” jiġifieri l-ewwel fażi tal-perjodu ta’ Reġistrazzjoni, u dan kif hemm provdut fir-Regolament 874/2004, sabiex jippermetti lil Entitajiet Pubbliċi u dawk b’jeddijiet prijoristiċi fuq xi isem sabiex japplikaw biex jirreġistraw dawn l-ismijiet qabel ma l-EURid jibda jaċċetta talbiet għar-Reġistrazzjoni fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. Il-perjodu ta' żmien, obbligazzjonijiet speċifiċi, termini u kundizzjonijiet relatati ma' dan il-perjodu inizjali kif ukoll l-ispejjeż ta' l-applikazzjoni (inklużi spejjeż ta' mmaniġġjar u ta' validazzjoni) applikabbli waqt il-perjodu tal-bidu għandhom jintbagħtu permezz tal-posta elettronika lill-indirizzi tal-posta elettronika pprovduti mir-Reġistratur waqt il-proċess ta’ l-Akkreditazzjoni u jiġu ppubblikati fis-sit ta’ l-internet tal-EURid mhux iżjed tard minn xahrejn qabel jidħlu fis-seħħ.

Il-EURid irid jirrimborża lir-Reġistratur l-ispejjeż ta’ validazzjoni mitluba lilu fir-rigward ta’ l-applikazzjonijiet mid-Detenturi għal Ismijiet ta’ Dominju li jkunu saru matul il-perjodu inizjali fil-każ li tali applikazzjonijiet ikunu saru nulli billi li l-Isem ta’ Dominju korrispondenti jkun ġie allokat lil applikant ieħor jew meta dawn jiskadu. Applikazzjonijiet magħmula minn korpi pubbliċi ma jiġux rimborżati. Ir-Reġistratur jaqbel li jirrimborża lill-Klijenti Aħħarin li jaqgħu fiċ-ċirkustanzi msemmija hawn fuq, l-ammont irċevut mill-EURid. Ir-Reġistratur għandu madanakollu d-dritt li jżomm ħlas biex ikopri l-ispejjeż possibbli ta’ mmaniġġjar amministrattiv għar-rimborż.

**Artikolu 6. SPEJJEŻ**

**6.1 Spejjeż**

1. Ir-Reġistratur irid jagħmel pagament bil-quddiem ta’ nefqa fissa ta’ mill-inqas EUR 10,000 (għaxart elef Euro) lill-EURid bħala spiża fissa, li teskludi kwalunkwe spejjeż bankarji jew ta’ trasferiment, u dan qabel ma jkun jista’ jsir Reġistratur akkreditat.

Dan l-ammont huwa pagament bil-quddiem li minnu l-EURid inaqqas l-ispejjeż dovuti mir-Reġistratur għal Reġistrazzjoni, tiġdid, reattivazzjoni u trasferiment kif stipulat f’dan l-artikolu kif ukoll l-ispejjeż ta’ applikazzjoni tal-perjodu inizjali kif stipulati f’artikolu 5.

L-EURid għandu joħroġ fatturi kull xahar għall-ispejjeż tar-Reġistrazzjoni, tat-tiġdid, tar-reattivazzjoni u tat-trasferimenti kollha skond l-artikolu 6.1. Il-pagamenti ta’ dawn il-fatturi għandhom jintużaw biex jiżdiedu mal-pagament bil-quddiem.

Jekk il-pagament bil-quddiem jinżel għal zero qabel il-fatturazzjoni ta’ kull xahar mill-EURid, jew qabel il-ħlas ta’ xi fattura li tkun għadha dovuta, l-EURid ma jibqax jikkonċedi jew iġedded liċenzji li jkun applika għalihom dan ir-Reġistratur sakemm l-EURid jirċievi pagament ta’ ammont ekwivalenti għall-ispiża fissa stipulata f’artikolu 6.1.

L-ebda interessi ma jkunu dovuti favur ir-Reġistratur fuq il-pagament bil-quddiem (minkejja artikolu 6.2). Minkejja l-eċċezzjonijiet stipulati f’artikolu 12 ta’ dan il-ftehim, il-bilanċ li jifdal mill-pagament bil-quddiem jitħallas lura lir-Reġistratur fi tmiem il-Ftehim jew fil-każ ta’ ksur tal-kuntratt min-naħa tar-Reġistratur, meta l-Ftehim normalment ikun itterminat skond artikolu 10.

2. Ir-Reġistratur irid iħallas l-ispejjeż tar-Reġistrazzjoni u tat-tiġdid ta’ l-Ismijiet ta’ Dominju li jirreġistra jew iġedded f’isem kull Detentur. Esibit 1 jistabbilixxi l-ispejjeż tar-reġistrazzjoni u tiġdid applikabbli ma’

sample document

l-iffirmar ta' dan il-Ftehim. L-ispejjeż għal Reġistrazzjonijiet ġodda jitnaqqsu immedjatament mill-ispiża fissa stipulata f'Artikolu 6.1 fl-aħħar tax-xahar li fih il-liċenzji jkunu ġew imġedda.

Ir-Reġistratur għandu jieħu l-passi kollha biex iħassar Isem ta' Dominju mis-sistema awtomatika ta' reġistrazzjoni sa mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' xogħol ta' dak ix-xahar jekk il-perjodu ta' reġistrazzjoni ta' dak l-Isem ta' Dominju ikun jiskadi matul ix-xahar tal-fatturazzjoni u l-perjodu ta' reġistrazzjoni ma jkunx għadu wasal biex jiġġedded. Ismijiet ta' Dominju li l-liċenzja tagħhom tiskadi matul ix-xahar tal-fatturazzjoni u li ma jitħassrux mis-sistema jiġu awtomatikament imġedda u l-ispiża korrispondenti titnaqqas mill-ispiża fissa stipulata f'artikolu 6.1.

3. Ir-Reġistratur jista' jitlob li l-EURid jittrasferixxi parti mill-Ismijiet ta' Dominju jew kollha kemm huma lil reġistratur akkreditat ieħor. L-EURid jesiġi spiża ta' trasferiment speċifika għal dawn it-trasferimenti. L-ispiża ta' trasferiment applikabbli ma' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim hija stabbilita f'Esibit 1. L-ispejjeż ta' trasferiment jitnaqqsu mill-ispiża fissa stipulata f'artikolu 6.1 malli jiġi esegwit it-trasferiment.

4. Sabiex tipproteġi d-Detentur ta' l-Isem tad' Dominju minn tħassir involontarju, Isem ta' Dominju jitqiegħed f'moratorju għal ċertu perjodu sussegwenti għat-tħassir tiegħu; irrispettivament minn jekk dan it-tħassir kienx mitlub mid-Detentur jew billi l-Isem ta' Dominju ma ġiex imġedded. Matul dan il-perjodu l-Isem tad' Dominju jista' jiġi reattivat fuq talba tad-Detentur preċedenti. Il-EURid jesiġi spiża speċifika għal kull reattivazzjoni ta' Isem ta' Dominju, li titnaqqas mill-ispiża fissa stipulata f'artikolu 6.1. Il-perjodu li matulu Isem ta' Dominju jista' jiġi reattivat flimkien ma' l-ispiża għar-reattivazzjoni applikabbli ma' l-iffirmar tal-ftehim huma stabbiliti f'Esibit 1.

5. L-EURid jista' jibdel l-ispejjeż imsemmija fl-erba' paragrafi preċedenti f'kull ħin u għandu jinforma lir-Reġistratur bi kwakunkwe tibdil mhux aktar tard minn 30 jum qabel l-ispejjeż il-ġodda jidħlu fis-seħħ. L-EURid għandu jibgħat din l-informazzjoni permezz ta' posta elettronika fl-indirizz tal-posta elettronika pprovdut mir-Reġistratur matul il-proċess ta' Akkreditazzjoni u jippubblika l-ispejjeż il-ġodda fis is-sit ta' l-internet tiegħu.

### 6.2 Ħlas

1. Il-fatturi li jibgħat l-EURid kull xahar lir-Reġistratur iridu jitħallsu bil-metodu ta' ħlas indikat f'dawk il-fatturi.

L-ispejjeż ta' Reġistrazzjoni u tiġdid ikunu dovuti hekk kif l-Isem ta' Dominju jiġi reġistrat jew perjodu ta' reġistrazzjoni jiġi mġedded, irrispettivament mill-fatt jekk ir-Reġistratur ikunx irċieva l-pagament minngħand id-Detentur.

2. Il-fatturi jridu jitħallsu fi żmien 30 jum mid-data tal-fattura. Jiġu applikati ħlasijiet ta' penali mingħajr avviż f'ammonti kif ġej:

- 10% ta' l-ammont dovut (minimu ta' EUR 250.00), u
- Interessi ta' 1% fix-xahar ikkalkulati għal kull xahar li jkun beda.

Dan ma jeffettwax ir-rimedji l-oħrajn f'dan il-ftehim.

## Artikolu 7. DISPOŻIZZJONIJIET TEKNIĊI

### 7.1 Il-Proċedura tar-Reġistrazzjoni

Il-proċedura tar-Reġistrazzjoni hija awtomatizzata kompletament u r-Reġistratur għandu jimxi mal-proċeduri żviluppati mill-EURid biex jirreġistra, iġedded jew jimmaniġġja Isem ta' Dominju, inklużi l-proċeduri għall-Perjodu tal-bidu u għall-aġġornar ta' informazzjoni dwar Detenturi. Ħarsa ġenerali dwar dawn il-proċeduri tinsab fis-sit ta' l-internet ta' l-EURid.

L-EURid jista' jbiddel l-proċedura tar-Reġistrazzjoni u għandu jinforma lir-Reġistratur b'kull tibdil minn ta' l-inqas 30 jum qabel jibdew iseħħu l-proċeduri l-ġodda permezz ta' posta elettronika u billi jippubblika l-

sample document

proċeduri l-ġodda fis-sit ta' l-internet ta' l-EURid. Fl-istess ħin, l-EURid għandu jipprovdi lir-Reġistratur l-informazzjoni teknika kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom.

### 7.2 Difetti tekniċi

Ir-Reġistratur m'għandux jgħabbi żżejjed in-netwerk ta' l-Eurid jew ifixkel lill-Eurid fil-provvista tas-servizzi tiegħu (permezz ta' *denial of service attacks*). Ir-Reġistratur m'għandux jaġixxi b'mod li jhedded l-istabilità ta' l-Internet. F'każ li r-Reġistratur jikser dawn l-obbligi, l-EURid jista' jissospendi dan il-ftehim immedjatament u mingħajr avviż għal 14-il jum. L-EURid jista' jtemm dan il-ftehim jekk wara 14-il jum ir-Reġistratur ikun għadu qed jikser dawn l-obbligi.

### 7.3. Aċċess għas-*software* EURid

Ir-Reġistratur huwa obbligat li juża l-aċċess għall-komponenti tas-*software* tal-EURid b'bona fede u b'mod funzjonalment kif ukoll teknikament f'konformità mal-manwali dwar l-użu ppubblikati fis-siti ta' l-internet tal-EURid, jew li saru disponibbli b'xi mezzi oħrajn, bħal fuq karta stampata, CD/DVD, eċċ., inklużi aħbarijiet fil-qosor u/jew ittri ta' aħbarijiet.

F'każ illi ir-Reġistratur josserva xi malfunzjoni, huwa obbligat li jsemmi dan lill-EURid, b'mod konfidenzjali, flimkien ma' kull materjal ta' appoġġ li jista' jgħin lill-EURid biex isib il-malfunzjoni u sussegwentement bil-korrezzjoni/titjib tal-malfunzjoni allegat.

Ir-Reġistratur ma jista', fl-ebda każ, jagħmel is-sejbiet tiegħu pubbliċi, sew permezz ta' l-istampa, gruppi ta' aħbarijiet, blogs jew permezz ta' xi mezz(i) oħra, qabel ma jingħata stqarrija uffiċjali mill-EURid dwar id-dijanjożi u t-tiswija tal-każ imsemmi, f'perjodu ta' dewmien raġonevoli ta' mill-inqas 30 jum tax-xogħol mid-data tal-komunikazzjoni oriġinali.

Meta f'xi ħin, wara dan il-perjodu, ir-Reġistratur jikkomunika s-sejbiet tiegħu lill-pubbliku, huwa jkun obbligat li jinkludi l-istqarrija sħiħa tal-EURid.

## Artikolu 8. GĦAŻLA TAR-REĠISTRATUR

Ir-Reġistratur għandu jikkonċedi lid-Detentur il-jedd li jagħżel reġistratur akkreditat ieħor ("Reġistratur Ġdid") għall-Ismijiet tad-Dominju li r-Reġistratur ikun irreġistra jew ġedded. Ir-Reġistratur irid jikkoopera mad-Detentur, ir-Reġistratur il-Ġdid u l-EURid f'kull trasferiment.

Meta r-Reġistratur il-Ġdid jagħti bidu għat-trasferiment mitlub skond il-proċedura applikabbli, l-EURid għandu jibgħat posta elettronika lir-Reġistratur il-Ġdid u lid-Detentur. It-trasferiment jibda jgħodd jekk id-Detentur jikkonferma t-trasferiment fi żmien 4 ijiem wara il-posta elettronika ta' l-EURid.  Il-konfermi għandhom jintbagħtu lil EURid permezz ta' *webinterface* jew *fax*, skond l-istruzzjonijiet kontenuti fil-posta elettronika mibgħuta lid-Detentur.

Jekk id-Detentur ma jirrispondix fi żmien 7 ijiem, l-EURid għandu jibgħat nota ta' tifkir, permezz tal-posta elettronika lir-Reġistratur il-Ġdid li tispjega li t-trasferiment jibda jgħodd biss jekk id-Detentur jikkonferma t-trasferiment ma' l-EURid fi żmien 7 ijiem mid-data tat-tieni posta elettronika.

B'riżultat tat-trasferiment, l-ispiża annwali tar-Reġistrazzjoni titnaqqas awtomatikament mill-kont tar-Reġistratur il-Ġdid malli t-trasferiment jibda jgħodd (billi r-Reġistratur il-Ġdid irid wkoll jikkonforma ma' l-obbligi finanzjarji l-oħra stipulati f'artikolu 6). L-EURid ma jirrifondix l-ispiża mħallsa mir-Reġistratur ta' qabel, la kollha kemm hi u lanqas parti minnha.

F'każ li d-Detentur ikun irid jittrasferixxi Isem ta' Dominju lil terz, dan ta' l-aħħar għandu jitlob lir-Reġistratur biex jagħti bidu għall-proċeduri deskritti hawn fuq. Fl-eventwalità ta' tali trasferiment, irid jiġi nnotat li, kemm id-Detentur, kemm il-parti terza jridu jikkonfermaw il-bidla proposta permezz tal-*webinterface* jew fax.

sample document

**Artikolu 9. POLITIKA TA' PRIVATEZZA**

Ir-Reġistratur għandu jżomm politika ta' privatezza ċara, konformi mar-regolamenti kollha nazzjonali, Ewropej u internazzjonali applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data*, u għandu jinforma lill-Klijenti Aħħarin tiegħu b'din il-politika.

Ir-Reġistratur m'għandux jibgħat *spam* lil Klijenti Aħħarin eżistenti jew prospettivi bl-iskop li jipperswadihom jagħmlu użu mis-servizzi tiegħu. Mandanakollu, l-istedina lill-Klijenti Aħħarin eżistenti biex iġeddu Ismijiet ta' Dominju u trasmissjoni ta' informazzjoni addizzjonali lill-istess Klijenti Aħħarin dwar servizzi offruti, ma jkunux ikkunsidrati bħala *spam*.

Ir-Reġistratur m'għandux jikkomunika d-*data* personali tal-Klijenti Aħħarin tiegħu ħlief meta dan ikun meħtieġ mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti jew għall-fini taż-żamma tal-funzjoni tal-WHOIS ta' l-EURid.

Ir-Reġistratur huwa b'dan maħtur Proċessur tad-*Data* u jaġixxi ta' Kontrollur tad-*Data* fir-rigward tal-ġbir u t-trasferiment lejn l-EURid tad-*Data* Personali tad-Detenturi li jagħmlu talba għal Reġistrazzjoni ta' Isem ta' Dominju jew tiġdid ta' perjodu ta' reġistrazzjoni.

Għal dan il-għan, ir-Reġistratur

a) jekk huwa stabbilit fiż-Żona Ekonomika Ewropea, għandu jikkonforma mal-leġislazzjoni dwar il-Protezzjoni tad-*Data* fis-seħħ fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit u għandu jindennizza u jżomm lill-EURid ħieles minn kwalunkwe azzjoni minn terzi, dovuta għal vjolazzjonijiet ta' tali liġijiet dwar protezzjoni ta' *data* relatati mat-tħaddim ta' dan il-Ftehim.

b) jekk huwa stabbilit f'pajjiż barra ż-Żona Ekonomika Ewropea li jkun iddikjarat li jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni bis-saħħa tal-liġi domestika tiegħu jew ta' l-impenji internazzjonali li jkun ikkommetta ruħu għalihom permezz ta' deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni Ewropea taħt Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE, irid jikkonforma mal-leġislazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-*data* fis-seħħ fil-ġurisdizzjoni fejn ir-Reġistratur huwa stabbilit u għandu jindennizza u jżomm lill-EURid ħieles minn kwalunkwe azzjoni minn terzi, dovuta għal vjolazzjonijiet ta' tali liġijiet dwar protezzjoni ta' *data* relatati mat-tħaddim ta' dan il-Ftehim.

c) jekk huwa stabbilit f'pajjiż li ma jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti f'(a) jew (b) hawn fuq, irid jikkonforma mal-klawsoli kuntrattwali standard adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea 2002/16/KE tas-27 ta' Diċembru 2001 u jindennizza u jżomm lill-EURid ħieles mir-responsabbilità għal kwalunkwe azzjoni ta' terzi, dovuta għal vjolazzjonijiet ta' tali disposizzjonijiet kuntrattwali relatati mat-tħaddim ta' dan il-Ftehim.

d) jekk huwa bbażat fl-Istati Uniti ta' l-Amerika jrid:

- jaderixxi mas-*Safe Harbour Privacy Principles* maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ ta' l-Istati Uniti, filwaqt li jipprovdi informazzjoni adegwata ta' dan lill-EURid, u jindennizza u jżomm lill-EURid ħieles mir-responsabbilità għal kwalunkwe azzjoni ta' terzi dovuta għal vjolazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet relatati mat-tħaddim ta' dan il-Ftehim; jew

- jadotta id-dispożizzjonijiet kuntrattwali stiupulati f'(c) 'l fuq, u jindennizza u jżomm lill-EURid ħieles mir-responsabbiltà għal kwalunkwe azzjoni ta' terzi dovuta għal vjolazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet relatati mat-tħaddim ta' dan il-Ftehim.

**Artikolu 10. TUL TA' ŻMIEN**

Dan il-ftehim huwa validu għal perjodu ta' sena li tibda tgħodd mid-data ta' l-Akkreditazzjoni u tintemm fl-aħħar jum tax-xahar ta' l-anniversarju tal-Ftehim.

Fl-aħħar tal-perjodu tiegħu, il-ftehim jiġi estiż għal perjodi konsekuttivi ta' sena sakemm xi waħda mill-partijiet tinnotifika lill-parti l-oħra bil-miktub, sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem tal-

sample document

perjodu inizjali tal-ftehim jew ta' sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' xi perjodu konsekuttiv ta' sena tal-ftehim, li ma tkunx trid testendi dan il-ftehim.

## Artikolu 11. TERMINAZZJONI TAL-FTEHIM

### 11.1 Terminazzjoni tas-setgħa ta' reġistrazzjoni tal-EURid

Dan il-ftehim jiġi tterminat immedjatament fil-każ li l-EURid ma jkunx jista' jibqa' jirreġistra Ismijiet ta' Dominju għal kwalunkwe raġuni. Ir-Reġistratur ma jistax iżomm lill-EURid responsabbli għad-danni li jirriżultaw minn din it-terminazzjoni, ħlief jekk it-terminazzjoni tkun dovuta għal negliġenza grassa jew frodi min-naħa ta' l-EURid.

L-EURid għandu jinforma lir-Reġistratur immedjatament dwar kull fatt miġjub għall-attenzjoni tiegħu li jista' raġonevolment jikkawża t-terminazzjoni tas-setgħa ta' reġistrazzjoni ta' l-EURid.

Malli jsir jaf bit-terminazzjoni eventwali tas-setgħa ta' reġistrazzjoni tiegħu, l-EURid għandu jagħmel l-almu tiegħu biex:

- Jiffaċilita l-kontinwazzjoni jew it-trasferiment tal-kuntratti eżistenti bejn l-EURid u r-Reġistraturi fid-data tat-terminazzjoni;
- Jakkwista perjodu ta' avviż qabel it-terminazzjoni tas-setgħa ta' reġistrazzjoni tiegħu.

### 11.2 Ksur tal-kuntratt

Jekk ir-Reġistratur jikser dan il-ftehim, inkluż u mingħajr limitazzjoni l-artikolu 2.3, l-EURid għandu jibgħat posta elettronika fl-indirizz tal-posta elettronika pprovdut mir-Reġistratur waqt il-proċess ta' Akkreditazzjoni u ittra reġistrata lir-Reġistratur fejn tħeġġeġ lir-Reġistratur biex ma jiksirx iktar il-ftehim. L-EURid jista' jittermina l-ftehim mingħajr ebda avviż ieħor jekk ir-Reġistratur ma jirrispondix jew jibqa' jikser id-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim fi żmien 14-il jum minn mindu tintbagħat il-posta elettronika.

### 11.3 Falliment jew stralċ

Dan il-ftehim jiġi tterminat immedjatament u mingħajr ebda kumpens dovut jekk:

- Ir-Reġistratur ifalli; jew
- Ir-Reġistratur ikun għaddej minn proċedura biex il-kumpannija tirkupra, jew
- In-negozju tar-Reġistratur jiġi stralċjat.

## Artikolu 12. KONSEGWENZI TAT-TERMINAZZJONI TAL-FTEHIM TAR-REĠISTRATUR

Mat-terminazzjoni, ir-Reġistratur għandu jħallas l-ispejjeż li kienu dovuti qabel it-terminazzjoni b'mod immedjat.

L-EURid irid jittrasferixxi l-Ismijiet tad-Dominju tar-Reġistratur li l-ftehim tiegħu jkun itterminat lil wieħed jew aktar reġistraturi akkreditati, fuq talba ta' dak ir-Reġistratur jew tal-persuna awtorizzata biex tirrappreżentah. F'tali każ, l-EURid jesiġi l-ispiża ta' trasferiment imsemmija f'artikolu 6.1.3 u jnaqqas din l-ispiża mill-bilanċ ta' l-ispiża fissa li kienet tħallset skond artikolu 6.1 ta' dan il-ftehim. Kull bilanċ jiġi rimburżat lir-Reġistratur fl-aħħar tal-perjodu inizjali tal-ftehim jew, jekk applikabbli, fl-aħħar tal-perjodu ta' estensjoni ta' sena li jkun fis-seħħ. Ta' wieħed min jinnota li l-ebda rimborż bħal dan ma jsir qabel jagħlaq il-perjodu inizjali stipulat fl-artikolu 5.

Jekk il-ftehim jiġi tterminat u r-Reġistratur ma jirnexxilux jagħmel it-trasferiment ta' l-Ismijiet ta' Dominju fil-kustodja tiegħu għal għand Reġistratur(i) ieħor/oħra fi żmien xahar mit-terminazzjoni tal-ftehim, l-EURid għandu jinforma lid-Detenturi li l-Ismijiet ta' Dominju tagħhom inżammu pendenti skond ir-Regoli. Din l-informazzjoni għandha tintbagħat bil-posta elettronika fl-indirizz tal-posta elettronika pprovdut

sample document

mir-Reġistratur matul il-proċess ta' reġistrazzjoni u tiġi ppubblikata fis-sit ta' l-internet ta' l-EURid mhux aktar tard minn xahrejn qabel tibda sseħħ. Fl-istess waqt l-EURid għandu jinforma lid-Detenturi li għandhom xahar żmien biex jagħżlu Reġistratur ieħor. L-EURid huwa intitolat li jiffattura l-ispejjeż relatati ma' dan il-proċess ta' informazzjoni jekk kemm-il darba dawn l-ispejjeż jeċċedu l-bilanċ tal-ispiża fissa.

Jekk id-Detentur jappunta Reġistratur ieħor, l-EURid jesiġi l-ispejjeż tat-tiġdid mingħand ir-Reġistratur il-ġdid meta il-perjodu ta' Reġistrazzjoni taħt ir-Reġistratur preċedenti jiskadi. Jekk id-Detentur ma jappuntax reġistratur ieħor, l-EURid jittermina l-liċenzja għal dak l-Isem ta' Dominju fl-aħħar tat-terminu tiegħu. L-Isem ta' Dominju jibqa' jinżamm pendenti għal perjodu li jkun l-itwal minn:

- Tliet xhur wara li jkun ħareġ l-avviż li jitlob lid-Detentur biex jaħtar Reġistratur ġdid; jew

- Xahrejn wara t-terminazzjoni tal-liċenzja.

Waqt li l-Isem ta' Dominju jkun miżmum pendenti, id-Detentur jista' jappunta reġistratur ieħor. Ir-reġistratur prospettiv għandu jibgħat talba bir-raġunijiet lill-EURid li fiha japplika biex isir ir-Reġistratur il-ġdid u biex ireġġa' lura kwalunkwe liċenzji terminati.

**Artikolu 13. ASSENJAZZJONI TA' JEDDIJIET**

Ir-Reġistratur jista' jassenja l-jeddijiet u l-obbligi tiegħu skond dan il-ftehim lil reġistratur akkreditat ieħor ladarba r-Reġistratur jinforma lill-EURid bil-miktub mhux aktar tard minn xahar qabel l-assenjazzjoni tiġi fis-seħħ.

**Artikolu 14. GARANZIJI**

Ir-Reġistratur irid jindennizza l-EURid minn kull talba għad-danni magħmula fil-qorti jew barra minnha minn Detenturi jew partijiet terzi kontra l-EURid b'konnessjoni mal-prodotti u s-servizzi offruti mill-EURid jew ir-Reġistratur, inklużi imma mhux limitati għal dawn li ġejjin:

- Talbiet relatati mal-ksur ta' dan il-ftehim min-naħa tar-Reġistratur;

- Talbiet relatati mal-konċessjoni jew nuqqas ta' konċessjoni, tiġdid jew nuqqas ta' tiġdid tar-Reġistrazzjoni ta' Isem ta' Dominju tad-Detentur jew parti terza;

- Talbiet relatati mat-terminazzjoni tas-setgħa ta' reġistrazzjoni ta' l-EURid taħt id-dominju ".eu" (minkejja artikolu 11.1 ta' dan il-Ftehim);

- Talbiet ta' terzi relatati ma' drittijiet fuq xi Isem ta' Dominju; jew

- Talbiet relatati ma' difetti jew nuqqasijiet tekniċi.

**Artikolu 15. MIXXELLANJI**

**15.1 L-effett ta' dan il-ftehim fuq terzi**

Dan il-ftehim joħloq jeddijiet u obbligi għall-firmatarji u mhux għal terzi. It-terzi ma jistgħux jitolbu jeddijiet kontra r-Reġistratur jew l-EURid.

**15.2 Emendi**

Iż-żewg partijiet iridu jaqblu bil-miktub dwar emendi għal dan il-ftehim, ħlief fejn dan il-ftehim espressament jipprovdi xort'oħra.

Minkejja l-paragrafu preċedenti, l-EURid tista' temenda r-Regoli jekk tinforma lir-Reġistratur bl-emendi mhux iktar tard minn 30 jum qabel ma jidħlu fis-seħħ. L-EURid għandu jibgħat din l-informazzjoni permezz ta' posta elettronika fuq l-indirizz tal-posta elettronika pprovdut mir-Reġistratur waqt il-proċess ta' l-Akkreditazzjoni u jippubblikah fis-sit ta' l-internet tiegħu.

sample document

### 15.3 Tilwim

Dan il-ftehim huwa soġġett għal-liġi Belġjana, u t-tilwim kollu għandu jinġieb quddiem il-qorti ta' Brussell.

### 15.4 Proprejetà Intellettwali

Dan il-ftehim ma jbiddilx l-istatus ta' kwalunkwe drittijiet ta' proprjetà intellettwali tal-partijiet ikkonċernati (partikolarment, imma bla ebda limitazzjoni, l-ebda parti ma tittrasferixxi l-pussess, jew il-liċenzji, tal-proprjetà intellettwali tagħha).

### 15.5 Użu tal-logo u l-isem tal-EURid

Dan il-ftehim ma jagħtix il-jedd lir-Reġistratur li juża l-logo u l-isem tal-EURid jekk mhux bil-permess mogħti espressament minn dan ta' l-aħħar. L-EURid jista' joħloq logos speċifiċi għall-benefiċċju tar-Reġistratur u jista' jikkonċedi l-jedd għall-użu ta' dawn il-logos lir-Reġistratur. L-EURid għandu jinforma lir-Reġistratur f'din l-eventwalità.

Mat-terminazzjoni ta' dan il-ftehim kif stipulat f'artikoli 10, 11 u 12, ir-Reġistratur irid iwaqqaf kwalunkwe użu tal-logo ta' l-EURid li l-EURid li jkun ġie permess lir-Reġistratur skond il-paragrafu preċedenti.

### 15.6 Is-Sit ta' l-Internet tar-Reġistratur

Ir-Reġistratur għandu l-obbligu li jkollu sit ta' l-internet tiegħu u f'każi fejn ir-Reġistrazzjonijiet huma amministrati permezz ta' sit ta' l-internet li tkun proprjetà ta' terzi, ir-Reġistratur għandu jinżamm responsabbli għall-kontenut kollu tas-sit ta' l-internet ta' dan it-terz. Fiż-żewġ ċirkustanzi ir-Reġistratur għandu l-obbligu li jikkomunika lil EURid ir-referenza eżatta tal-parti tas-sit ta' l-internet fejn hemm ir-referenza għar-Reġistrazzjoni ta' Ismijiet ta' Dominju. L-EURid għandu l-jedd li jirrekordja din ir-riferenza fis-sit ta' l-internet tiegħu biex b'hekk Klijenti Aħħarin ikunu jistgħu jikkuntattjaw lir-Reġistratur direttament. L-EURid għandu wkoll il-jedd li jaġġorna din ir-riferenza jekk jirriżulta li jkun għadda żmienha.

Sample document

| | |
|---|---|
| Għall-EURid | Għar-Reġistratur |
| Marc Van Wesemael | |
| General Manager | (isem + titolu + data) |

Esibit 1: Spejjeż tar-Reġistrazzjoni u tiġdid applikabbli ma' l-iffirmar ta' dan il-ftehim

**Esibit 1 – Spejjeż ta' Reġistrazzjoni u tiġdid applikabbli ma' l-iffirmar ta' dan il-ftehim**

1. L-ispiża għar-reġistrazzjoni ta' Isem ta' Dominju hi EUR 4 (VAT eskluża) fil-ħin ta' l-iffirmar ta' dan il-ftehim bejn l-EURid u r-Reġistratur. Din l-ispiża tinkludi d-dritt għall-użu ta' l-Isem ta' Dominju għal perjodu ta' sena mir-Reġistrazzjoni.

2. L-ispiża għat-tiġdid ta' Isem ta' Dominju hi EUR 4 (VAT eskluża) fil-ħin ta' l-iffirmar ta' dan il-ftehim bejn l-EURid u r-Reġistratur.

3. L-ispiża għat-trasferiment ta' numru ta' Ismijiet ta' Dominju f'salt mill-EURid fuq domanda tar-Reġistratur hi EUR 0.25 (VAT eskluża) għal kull Isem ta' Dominju soġġett għal ammont minimu ta' EUR 500 (VAT eskluża) għal kull transazzjoni rikjesta.

4. L-ispiża għar-reattivazzjoni ta' Isem ta' Dominju li jkun tqiegħed fi status ta' "moratorju" hu EUR 5 (VAT eskluża). Ismijiet ta' Dominju fi status ta' "moratorju" jistgħu jiġu reattivati matul perjodu ta' 40 jum mit-tħassir.

5. L-ispiża għar-reattivazzjoni ta' Isem ta' Dominju li jkun tqiegħed fi status ta' "moratorju" u li jiġi trasferit għand Reġistratur Ġdid hija ta' EUR 20 (VAT eskluża). Ismijiet ta' Dominju li jkunu tqiegħdu fi status ta' "moratorju" jistgħu jerġgħu jigu reattivati fi żmien 40 jum mid-data tal-kanċellament tagħhom.

sample document